MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 5/2002/1

**Salon Services Limited**

**vs**

**Elaine Dimech**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-4 ta’ Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet:

1. Illi fl-14 ta’ Dicembru 2001 Elaine Dimech ottjeniet decizjoni mit-Tribunal Industrijali numru 1247 kontra Salon Services Limited fil-kaz nru 1572 fejn l-istess

socjeta' Salon Services Ltd. giet ordnata thallas l-ammont ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) favur l-istess Elaine Dimech;

2. Illi jirrizulta li s-socjeta' Salon Services Ltd ma kkontestatx it-talba ta' Elaine Dimech;

3. Illi kien proprju fl-ahhar stadji tas-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali illi s-socjeta' Salon Services Ltd interveniet u ntavolat rikors fejn talbet lill-Gudikant jigifieri c-Chairman Colin Tabone jismaghha u talbet iz-zmien biex taghmel id-difiza taghha;

4. Illi dan ir-rikors gie michud u proprju l-Gudikant baqa' ghaddej u ddecieda l-kaz;

5. Illi dan il-fatt lanqas gie msemmi fis-sentenza u gie skartat kompletament;

6. Illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali hija nulla stante illi ma ngabux ebda prova tan-notifika tas-socjeta' Salon Services Ltd.;

7. Illi kien fl-ahhar stadji li s-socjeta' Salon Services Ltd kien ircieva xi telefonati li hemm il-kawza ghaddejja u propju ghalhekk sar ir-rikors;

8. Illi dan il-fatt jinpingi fuq id-drittijiet tas-socjeta' anke tal-*Audi Alteram Partem* fejn is-socjeta' ghandha dritt tiddefendi ruhha u l-Gudikant jew Elaine Dimech misshom gabu prova tan-notifika skond il-Ligi qabel ma l-kaz kompla u eventwalment gie deciz;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi:

1. Illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1247 moghtija mic-Chairman Colin Tabone nhar l-14 ta' Dicembru 2001, kaz numru 1572 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Elaine Dimech u Salon Services Limited hija nulla bla effett ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;

2. Tordna li l-kaz u l-atti kollha jergghu jintbaghtu quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex l-istess Tribunal Industrijali jisma' l-provi kollha taz-zewg partijiet u jiddeciedi skond il-provi migbura.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet li in forza taghha ecceppiet:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi fil-kwistjoni tax-xoghol bejn l-esponenti u s-socjeta' attrici, deciza favur l-eccipjenti mit-Tribunal Industrijali fl-erbatax ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (14.12.2001) ma gew vjolati ebda drittijiet tas-socjeta' Salon Services Ltd, u l-procedura li biha mexa t-Tribunal Industrijali kienet wahda korretta u skond il-ligi;

2. Illi inoltre ma huwiex minnu li s-socjeta' Salon Services Ltd, ma kienetx notifikata regolarment bil-proceduri li ttiehdu minn l-esponenti dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha quddiem it-Tribunal Industrijali u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dina l-kawza;

3. Illi l-kawza odjerna ntavolata mis-socjeta' attrici, hija frivola u vessatorja u saret biss sabiex iddewwen lill-esponenti milli tiehu r-rimedju lilha akkordat mit-Tribunal Industrijali;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kaz numru 1572 fil-kwistjoni tax-xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali bejn Elaine Dimech u Salon Services Ltd dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li jigi dikjarat li decizjoni ta' t-Tribunal Industrijali fl-14 ta' Dicembru, 2001, fil-kaz numru 1572 bejnha u l-konvenuta tithassar u dan, bazikament, peress li ma nghatatx smiegh xieraq u ma nghatatx l-opportunita' tiddefendi ruhha quddiem it-Tribunal.

L-ewwelnett, tajjeb li jigi carat li kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza "Eden Leisure Group vs Borg D'Anastasi", moghtija fis-27 ta' Gunju, 2003, *"Illum hu car li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-principji ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni biex tassigura li ma kienx hemm xi enunzjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal."* Pronunzjament fuq l-istess linji kien inghata minn din il-Qorti fil-kawza "Power Projects Ltd vs Agius", deciza fis-16 ta' Gunju, 2003.

Il-principju ta' gustizzja naturali huma, zgur, tnejn, u dak invokat mis-socjeta' attrici huwa dak ta' "*audi alteram partem".*

Il-principju "*audi alteram partem"* huwa principju fundamentali mixhut fuq kull min gie mghoni b'poter li jiddeciedi. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb "Constitutional and Administrative Law" (Penguin Books, 3rd Edit.) jghid, a pagna 564, li dan il-principju, *"Is the more interesting and important rule of natural justice. In its crudest form, it means that nobody shall be penalized by a decision of a court or tribunal unless he has been given (a) prior notice of the charge or case he has to meet, and (b) a fair opportunity to answer the case against him and to put his own case".* Fil-kawza famuza ingliza "Ridge vs Baldwin,

deciza mill-House of Lords fl-1964, intqal li d-dritt ghall-smiegh xieraq "*is a rule of universal application*", u Lord Loreburn, fil-kawza "Board of Education vs Rice", deciza wkoll mill-House of Lords fl-1911, kien qal li d-dover li jaghti smiegh xieraq hu impost "*upon every one who decides anything*".

Din il-Qorti fil-kawza importanti "Sammut vs Bell McCance", decida fid-29 ta' Mejju, 1946 (Kollez. Vol. XXXII.II.350), osservat hekk fuq din ir-regola:

*"Ir-regola "audi alteram partem" ghandha tigi skrupolazament osservata, u l-partijiet ghandhom id-dritt li jkunu presenti fl-investigazzjonijiet li jaghmel il-delegat tal-Board, biex ikunu jistghu jikkontrollaw l-informazzjoni li jigu moghtija lil dak id-delegat ghall-finijiet ta' dik l-investigazzjoni. Il-vjolazzjoni tar-regola "audi alteram partem" taghti lok ghas-sindikat tal-Qrati ordinarja, li jistghu, anzi ghandhom jirritjenu null dak li jkun sar in konsegwenza tal-vjolazzjoni. Din ir-regola "audi alteram partem" hija regola ta' gustizzja naturali u bhala tali hija ta' interess pubbliku, u ghalhekk ma hix rinunzjabbli "per impliciter" billi jinghad illi kien hemm akkwijexxenza mill-parti li giet pregudikata bil-vjolazzjoni ta' dik ir-regola."*

Tant hu importanti dan il-principju, li r-regola li n-nullita' ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tkun sostanzjalment gusta, hi meqjusa li ma tapplikax f'kaz ta' vjolazzjoni ta' dan il-principju. Lord Wright fil-kawza ingliza, "General Medical Council vs Spackman", deciza mill-House of Lords fl-1943 osserva:

*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."*

L-argument principali tas-socjeta’ attrici f’dan il-kaz huwa li l-proceduri huma monki ghax fil-process tat-Tribunal Industrijali m’hemmx prova tan-notifika tas-socjeta’ attrici tal-kaz imressaq quddiema mill-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fuq rikjesta tal-konvenuta Elaine Dimech.

Kif gie spjegat mis-Segretarju tat-Tribunal, hija l-prattika tat-Tribunal li l-avvizi ghall-ewwel seduta jinhargu b’ittra registrata. It-Tribunal ma jesigix prova li l-ittra tkun waslet fid-destinazzjoni taghha, izda jimxi bl-assunzjoni li jekk l-ittra ma tigix konsenjata lura lit-Tribunal, dan kun ifisser li, allura, waslet fejn kellha tasal. Is-Segretarju, fil-fatt, ikkonferma li l-avvizi in kwistjoni kienu ntbaghtu liz-zewg partijiet fit-18 ta’ Settembru, 2001, u la darba dawn l-ittri ma gewx lura, it-Tribunal qies li l-partijiet kienu avzati u, allura, ipproceda bis-smiegh tal-kaz.

Bir-rispett kollu lejn it-Tribunal Industrijali, din il-Qorti ma tantx tikkondividi din il-prattika, ghax il-fatt li l-ittra registrata ma tigix konsenjata lura, ma jfissirx necessarjament u invariabbilment li l-ittra giet *delivered*. Hu veru li, fil-maggor parti tal-kazijiet, ittri registrati li ma jkunux konsenjati lill-*addressee* jigu ritornati lil min harighom, pero’, ma jistax jigi eskluz li, f’xi okkazzjoni, dan ma jigrix. In-notifika lill-parti bi proceduri li jkunu qed jittiehdu kontra tieghu hija ta’ importanza massima, u l-proceduri m’ghandhomx jinbdew qabel dik l-awtorita’ gudikanti tkun fi zgur li l-parti jkun gie avzat ghal x’hiex hu mitlub jirrispondi. Tali notifika hija vitali ghall-validita’ tal-proceduri li jsegwu u min ikun ser jiggudika ma jistax “jassumi” li saret in-notifika, izda jrid ikun cert.

Hu veru li skond l-artikolu 31(3) tal-Kap 266 (li jirregola r-Relazzjonijiet Industrijali u, fil-fatt, jahseb ghal-holqien tat-Tribunal Industrijali) jghid li t-Tribunal jista’ jirregola l-procedura tieghu, izda l-istess subartikolu jipprovdi li t-Tribunal irid isegwi ir-regoli tal-Gustizzja Naturali, u l-ewwel u fuq kollox, dawn ir-regoli jesigu li l-parti konvenuta tinghata “*prior notice of the charge or case he has to meet”.*

Fl-atti tal-process tal-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali m'hemmx prova li l-parti konvenuta kellha dan il-"*prior notice"*. Kif inghad, din il-Qorti mhux lesta "tassumi" li la ntbatghet ittra registrata lil dik il-parti, u l-ittra ma gietx lura, allura "*prior notice"* kien hemm. Dan il-principju hu wisq importanti u fundamentali biex l-osservazzjoni tieghu titqies sodisfatta fuq mera assunzjoni. Kull gudikant u kull Bord moghni b'awtorita' li jiddeciedi, irid ikollu l-prova tan-notifika. Fuq kollox, mhux daqshekk difficli ghat-Tribunal li jkollu din il-prova ghax jekk l-avvizi u l-kopji tal-*claim* jintbaghtu mhux biss b'ittra registrata, izda wkoll bis-sistema tal-"A&R" (komunement maghrufa bhala l-"*pink card"*), meta l-ittra tasal ghand id-destinarju, din il-formola tintbaghat lura lit-Tribunal, iffirmata mill-*addressee,* u hekk ikollha l-prova tan-notifika. Din is-sistema tinvolvi, forsi, ftit xoghol *extra,* pero', minhabba l-esigenza tal-konvenjenza, din il-Qorti mhux lesta tissagrifika dan il-principju hekk bazilari. Il-parti intimata f'kawza quddiem it-Tribunal Industrijali ghandha dritt ghall-avviz tal-kawza li tkun trid twiegeb ghaliha, u t-Tribunal m'ghandux jibda jisma' l-kaz qabel ma jkollu, fl-atti tal-process, prova li dan isehh; din il-prova, kif inghad, trid tirrizultalu u mhux jassumiha.

Din il-Qorti, ghalhekk, sa hawn taqbel mat-tezi tas-socjeta' attrici. F'dan il-kaz, pero', hemm cirkostanza li timlita kontra decizjoni favur it-talba attrici. Din ic-cirkostanza hija r-Rikors ippresentat mis-socjeta' attrici fl-atti tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali. F'dan ir-Rikors, is-socjeta' attrici tghid testwament li hi kienet irceviet l-ittra "*pero', xi hadd mill-impjegati haditha u ma tathiex lid-direttur tal-kumpanja, u, ghalhekk, ma kienx infurmat bid-dati tas-smiegh."*

Din l-istqarrija hija ammissjoni li, fil-fatt, l-ittra tat-Tribunal waslet ghand id-destinatarju taghha u, kwindi, is-socjeta' attrici kienet taf jew messa kienet taf bil-kaz kontriha. Ghalhekk, jririzulta li filwaqt li t-Tribunal ma kellux prova tan-notifika tal-avviz (u, fil-fehma tal-Qorti, ghamel hazin meta beda jisma' l-kaz meta ma kellux tali prova), bhala fatt dik in-notifika kienet saret u kwindi, fil-fattispeci ta' dan il-kaz, ma kienx hemm vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “Scerri Diacono noe vs Borg Bonaci”, deciza fis-7 ta’ Lulju, 2003, jekk sentenza ta’ Qorti tinghata mhux fil-gurnata li kellha tinghata, jista’ jkun hemm lok ghan-nullita’ u anke ksur tad-drittijiet tal-parti sokkombenti, izda din il-konsegwenza ma tavverax ruhha jekk min ikun sokkombenti, bhala fatt, kien jaf bis-sentenza tant li appella minnha.

Ghalkemm jista’ jinghad li teknikament seta’ kien hemm xi irregolarita’, fil-fatt irrizulta li dan ma sehhx ghax is-socjeta' attrici, fuq ammissjoni taghha stess, kienet giet avzata bil-kaz kontra taghha. Il-fatt li l-impjegat li rcieva l-ittra registrata ma tahiex lid-direttur, ma jinewtralizzax il-fatt li n-notifika saret. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Valcall Ltd vs Alt.Services Ltd”, deciza fl-24 ta’ Jannar, 2001, mhux skuza ghall-kontumacja l-allegazzjoni li l-att gudizzjarju ma wasalx ghand id-direttur minhabba nuqqasijiet ta’ xi impjegat jew sotto-ufficjal, u la darba l-att wasal fejn kellu jasal, fin-nuqqas ta’ xi raguni impellenti li tiggustifika n-nuqqas ta’ konsenja lill-persuna responsabbli, in-notifika ghandha titqies li saret. (ara wkoll “Ellul Sullivan vs Kontrollur tad-Dwana”, deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Marzu, 1999).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha wkoll okkazzjoni tippronunzja ruhha fl-istess sens. Fil-kawza “S.N. Properties vs Sammut”, deciza minn dik il-Qorti fil-11 ta’ Ottubru, 1999, osservat li jekk att tal-Qorti jintbaghat fid-dar tar-residenza ta’ direttur, tircevieha l-mara li, pero’, titlifha u qatt ma tghid lil zewgha biha, il-kontumacja mhux gustifikata ghax hu dover tieghu li jiehu hsieb li jigbor l-ittri li jaslulu u jara li ma jintilfux fost karti ohra. Din il-Qorti zzid li hu obbligu ta’ kull direttur ta’ azjenda jew kumpanija li jamministra hwejgu bil-ghaqal u jirranga l-affarijiet tieghu b’mod li jassigura li l-ittri ta’ certa importanza jaslu ghandu b’mod immedjat. In-nuqqas, f’dan il-kaz, ma jirrizultax li kien wiehed ta’ nuqqas ta’ notifika, izda nuqqas attribwibbli lis-socjeta’ attrici li naqset tiehu hsieb l-affarijiet taghha bhala *bonus pater familias*. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza

"Pantalleresco vs Starbrite Cleaners", deciza fit-12 ta' Mejju, 2003, ma jkunx hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali u lanqas nullita' tad-decizjoni jekk il-konvenut ma jressaqx provi ghax nonostante l-opportunita' moghti lilu biex iressaq il-provi tieghu, baqa' inadempjenti.

Darba jirrizulta, allura, li bhala fatt, is-socjeta' intimata quddiem it-Tribunal Industrijali kienet giet avzata bil-kaz, ma jistax jirrizulta ksur tal-principju ta' *audi alteram partem.* Li hi ma gharfietx tapprofitta ruhha bl-avviz li ntbaghtilha, ma hu tort ta' hadd hlief taghha stess. Is-socjeta' intimata ippruvat tiggustifika "l-kontumacja" taghha bir-rikors li ressqet quddiem it-Tribunal Industrijali, izda dan it-Tribunal, wara li stharreg it-talba, irrifjuta li jbiddel il-posizzjoni tal-kaz. Din il-Qorti mhux Qorti ta' revizjoni jew ta' appell u mhux ser tissindika l-mod kif it-Tribunal ezercita d-diskrezzjoni tieghu meta ddecieda fuq dik it-talba. Il-fatt li t-Tribunal ma ghamilx referenza ghal din il-materja fid-decizjoni tieghu (ghalkemm accena ghan-nuqqas tas-socjeta' li tidher quddiemu), ma jwassalx ghan-nullita' tad-decizjoni ghax dan in-nuqqas ma jilledi ebda dritt fondamentali tal-parti sokkombenti u lanqas ma hu ta' pregjudizzju ghalih.

Ghalhekk, fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz din il-qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attrici, pero', trid ghal darba ohra tinsisti fuq il-fatt illi li kieku ma kienux ghal dawn ic-cirkostanzi partikolari, ma kienetx toqghod lura milli thassar id-decizjoni tat-Tribunal fuq il-motiv li ma kienx jirrizulta prova li l-parti intimata kellha "*prior notice of the charge or case he has to meet".*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz, tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici (u dan peress li l-konvenuta ma ghandha ebda tort f'din il-kwistjoni).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------